**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Numru: 352/2021 MLF**

**Spiteri Catering Equipment Ltd**

**vs**

**Giuseppe Cappello**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas- socjeta attrici Spiteri Catering Equipment Ltd fejn talbet li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tlettax-il elf mija sebgha u tletin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€13,137.62), jew ammont verjuri illi in ogni kaz ma ghandux jezorbita l-kompetenza ragione valoris ta' din il-Qorti, u rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' elf Ewro (€1,000) hsara fuq il-vettura numru 'IGV367', liema vettura kienet fil-pussess tal-konvenut; in kwantu ghall-ammont ta' tmien mija sitta u disghin Ewro (€896) rapprezentanti ghodda u equipment li giet fdata f'idejn il-konvenut u li gietx ritornata minnu, u in kwantu ghall-bilanc ta' hdax-il elf mitejn wiehed u erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€11,241.62) rapprezentanti equipment mibjugh a favur tal-konvenut, u dana kollu fuq struzzjonijiet tal-konvenut stess;

   Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 166A numru 2324/21 fl-ismijiet "Spiteri Catering Equipment Limited vs Giuseppe Cappello" u dawk tal-mandat ta' sekwestru (kawtelatorju) fl-istess ismijiet; bl-imghax bl-ghola rata permessa mil-ligi b'effett mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut Giuseppe Cappello fejn eccepixxa:

1. Illi, qabel xejn, jigi rrilevat li l-kumpannija attrici hija hi stess debitrici tal-konvenut ghall-ammont ta' tminn t'elef, tliet mija u sittax-il Ewro u erbatax-il centezmu (€8,316.14) f'fatturi ghal servizzi rezi izda mhux imhallsa annessi mar-risposta u immarkati bhala Dok. A u ghalhekk ghandu jitqies li sehhet tpacija ipso jure ai termini tal-Artikolu 1196(2) ta' Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u immedjatament il-pretensjoni rimanenti taqa' minn tlettax-il elf mija u sebgha u tletin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€13,137.62) ghal erbat elef, tminn mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€4,821.48).

   Inoltre, il-vettura 'IGV367' fil-fatt kienet qieghda fil-pussess tal-konvenut ghax il-ftehim bejnu u l-kumpannija attrici dejjem kien li l-vann jinbiegh lill-konvenut bin-nifs. Tant hu hekk li diga kienu saru hlasijiet ammontanti ghal tlett elef u disa' mitt Ewro (€3,900) kif ukoll madwar elf Ewro (€1,000) li l-konvenut sahansitra hallas bhala assigurazzjoni/licenzja tal-vann - DOK B, screenshots ta' messaggi mibghuta fuq il-mowbajls bejn l-intimat u David Spiteri, segretarju tal-kumpannija rikorrenti, fejn dan tal-ahhar jirreferi ghall-vann bhala "il tuo furgone", kif ukoll Dok. C li huwa dokument bankarju li juri, inter alia, tpacija ta' hlasijiet dovuti mill-konvenut favur l-istess kumpannija attrici ghall-vann – annessi mar-risposta.

   Ghalhekk, is-somma ta' erbat elf u disa' mitt Ewro (€4,900) ghandha wkoll titnaqqas mill-allegat bilanc bejn il-partijiet, li essenzjalment ifisser li ma huwa dovut lanqas biss centezmu wiehed mill-ammont intier reklamat mill-kumpannija attrici. Bil-maqlub fil-fatt, hija l-kumpannija attrici li taf il-flus lill-konvenut. Tajjeb jinghad li t-tpacija dejjem kienet il-mod ordinarju li bih jahdmu l-partijiet ma' xulxin - Dok. C u Dok. D annessi mar-risposta bhala evidenza ta' dan;

2. Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju, is-somma ta' elf Ewro (€1,000) li allegatament tirrapprezenta hsara fuq l-istess vettura hija minfuha zzejjed hekk kif, filwaqt li l-partijiet jaqblu dwar il-fatt li sehh xi dannu ghall-vettura, gie muri

b'mod car, permezz ta' stima, li l-figura tad-danni ma taqbizx seba' mija u tmien Ewro (€708), VAT inkluza – stima annessa bhala Dok. E mar-risposta;

3. Illi l-figura ta' tminn mija u sitta u disghin Ewro (€896) li skont il-kumpannija rikorrenti tirrapprezenta ghodda u equipment mhux ritornat mill-konvenut, hija kompletament ivvintata. Tant hu hekk li meta l-haddiem tas-socjeta attrici, Rudy Schembri, iltaqa' mal-konvenut biex jigbor dak kollu li l-konvenut kellu jaghti lill-kumpannija attrici, huwa stess, flimkien mal-konvenut, iffirmaw dokument bl-elenku ta' dak kollu rritornat lill-kumpannija attrici - id-dokument iffirmat mill-konvenut u minn Rudy Schembri anness mar-risposta u mmarkat bhala Dok. F. Inoltre, kien fadal ukoll xi ghodda u taghmir iehor (li ma ntalbux mill-kumpannija attrici) li l-konvenut halla ghand terz (ir-restorant Ta' Randi, il-Mellieha, li huwa klijent tal-istess socjeta attrici). Dawn l-oggetti huma indikati b'kitba bil-biro kulur blu fuq l-istess Dok. F u l-kumpannija attrici kellha tmur tigborhom minghand l-imsemmi klijent. Kien l-istess Rudy Schembri li nforma lill-konvenut li l-ghodda u t-taghmir sejrin jingabru direttament minghand Ta' Randi mis-socjeta attrici - ir-ritratti tal-oggetti li thallew ghand dan il-klijent annessi mar-risposta u mmarkati bhala Dok.G.

Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta attrici huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u bl-imghax, skont il-kaz kontra l-kumpannija attrici.

3. Il-konvenut Giuseppe Cappello ipprevalixxa ruhu minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni ghamel kontro-talba, fejn espona:

1. Illi s-socjeta attrici rikonvenzjonata hija debitrici tal-konvenut rikonvenzjonat ghall-ammont komplessiv ta' tlettax-il elf, mitejn u sittax-il Ewro (€13.216.14), rapprezentanti:

- tmint elef, tlett mija u sittax-il Ewro u erbatax-il centezmu (€8,316.14) f'fatturi ta' servizzi rezi, izda mhux imhallsa (ara sensiela ta' fatturi in kwistjoni, immarkati bhala Dok A);

- erbat elef u disa' mitt Ewro (€4,900) li jinkludu tlett elef u disa' mitt Ewro (€3,900) f'pagamenti li kienu qeghdin isiru bil-ftehim li l-vettura 'IGV367' tinbiegh bin-nifs mis-socjeta attrici rikonvenzjonata lill-konvenut rikonvenzjonant. Dan il-ftehim intemm habta u sabta meta ntalab ir-ritorn tal-vann. In oltre, l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) li l-konvenut rikonvenzjonant sahansitra hallas bhala insurance/licenzja tal-vann, ukoll ghandhom jithallsu lura lilu mis-socjeta attrici rikonvenzjonata, li ormaj hadet il-pussess tal-vann bil-beneficcji kollha tal-istess insurance/licenzja (ara Dok B, screenshoots ta' messaggi mibghuta fuq il-mowbajls bejn l-konvenut rikonvenzjonant u David Spiteri, segretarju tas-socjeta attrici rikonvenzjonata, fejn dan tal-ahhar jirreferi ghall-vann bhala "il tuo furgone", kif ukoll Dok C li huwa dokument bankarju li juri evidenza ta' hlasijiet favur l-istess socjeta attrici rikonvenzjonata ghall-vann.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta attrici rikonvenzjonata.

4. Rat ir-risposta tas-socjeta attrici ghall-kontro talba tal-konvenut fejn esponiet:

   1. illi t-talbiet tal-konvenut Cappello huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut Giuseppe Cappello, tant illi ma hemm assolutament l-ebda ammont dovut lill-istess Giuseppe Cappello mill-esponenti, u dana kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-procedura.

5. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti esebiti.

6. Rat li s-seduta tat-12 ta' Marzu 2025 kienet intiza ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut kemm fuq it-talba principali kif ukoll fuq il-kontro talba, pero l-konvenut ma deherx u lanqas ressaq provi. Ghalhekk il-Qorti iddikjarat l-istadju tal-provi tieghu maghluq, kemm fuq it-talba principali, kif ukoll fuq il-kontro-talba. Fl-istess seduta, l-avukat difensur tas-socjeta attrici iddikjara li s-socjeta attrici ma kellhix provi fuq il-kontro-talba.

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri jistghu jigu sintezzati hekk:

i. Is-socjeta attrici topera fis-settur tal-bjegh u manteniment ta' apparat tal-catering, u l-konvenut, li hu technician, ghamel numru ta' snin jahdem free lance mas-socjeta attrici, jaghmel tiswijiet ta' appartat, skond l-istruzzjonijiet tas-socjeta attrici. Bhala parti mill-ftehim, is-socjeta attrici tatu pussess ta' vann tal-ghamla Ford Transit, proprjeta taghha, kif ukoll sett ta' ghodda biex ikun jista' jahdem bihom.

ii. Kull xoghol li s-socjeta attrici kienet tinkariga lill-konvenut biex jaghmel, kienet tinkarigah b'istruzzjonijiet bil-miktub, hafna drabi permezz messaggi fuq WhatsApp. Fl-ahhar tax-xahar, imbaghad il-konvenut kien jibghatilha fattura b'rendikont tas-servizzi li jkun irrenda fuq istruzzjonijiet tas-socjeta attrici matul dak ix-xahar, u kien jithallas taghhom.

iii. Il-konvenut beda wkoll jixtri apparat tal-catering minghand is-socjeta attrici, bi skont specjali, biex jerga' jbieghu, u l-qliegh kien izommu ghalih.

iv. David Spiteri, direttur tas-socjeta attrici jghid li eventwalment il-konvenut beda ma jhallasx minnufih ghall-appartat li kien qed jixtri. In oltre, huwa beda ma jaghtix is-servizzi tieghu fil-hin. Bit-trapass taz-zmien relazzjoni ta' xoghol ta' bejniethom mietet mewta naturali, u l-konvenut irritorna lura l-vann u parti mill-ghodda li s-socjeta attrici kienet selfitu.

v. David Spiteri jghid ukoll li meta gie ritornat il-vann, dan kellu ghafsa fuq il-genb tal-bumper ta' quddiem, u fuq il-bieba tan-naha tal-passiggier. In oltre, il-konvenut ma irritornax lura xi ghodda li kienet giet mislufa lilu, u xi spare parts tas-socjeta attrici, li baqghu ghandu.

vi. Ghalhekk is-socjeta attrici intavolat dawn il-proceduri fil-konfront tal-konvenut fejn qed titlob l-ammont ta' €1000 sabiex tigi rizarcita ghal hsara fil-van, l-ammont ta' €896 rapprezentanti l-ghodda u l-ispare parts li ma gewx ritornati, u

l-ammont ta' €11,241.62 rapprezentanti l-apparat tal-catering li gie mibjugh lilu, u mhux imhallas.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

8. Matul dawn il-proceduri s-socjeta attrici resqet diversi xhieda u ipprezentant numru konsiderevoli ta' dokumenti in sostenn tat-talbiet taghha.

9. Kif diga inghad, il-konvenut ghazel li ma ressaqx provi, la fuq it-talba principali, u lanqas fuq il-kontro-talba tieghu. Pero kemm fir-risposta tieghu ghat-talba principali, kif ukoll fil-kontro-talba tieghu, huwa ghamel diversi allegazzjonijiet sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet tas-socjeta konvenuta, u ipprezenta diversi dokumenti. Il-Qorti tosserva li huwa ma ikkonfermax bil-gurament tieghu l-allegazzjonijiet tieghu f'dawn iz-zewg atti, kif lanqas ikkonferma bil-gurament id-dokumenti li ezebixxa.

10. Il-konvenut jallega li hu ghandu jiehu minghand is-socjeta attrici s-somma ta' €8,316.14, rapprezentati diversi servizzi li ippresta u li ma thallasx taghhom, u ipprezenta sitt fatturi in sostenn ta' dan. Min-naha l-ohra David Spiteri, id-diretturi tas-socjeta attrici iddikjara bil-gurament tieghu, li s-socjeta attrici dejjem hallset dak li kien dovut minnha lill-konvenut, u li ma kellha tatih xejn.

11. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut qatt talab il-hlas ghal dawn il-fatturi, qabel ma gie notifikat bl-avviz promotur ta' dawn il-proceduri. Dan huwa pjuttost sorprendenti meta wiehed jikkonsidra li l-ammont mhux wiehed negligibbli. In oltre, l-konvenut issa qed jippretendi li dan l-ammont ghandu jigi pacut mal-ammont li s-socjeta attrici qed tippretendendi minghandu. Pero din il-Qorti ma setghet issib l-ebda proposta simili fl-iskambju ta' emails bejn ir-rapprezentanti tas-socjeta attrici u l-mara tal-konvenut – Laura – li kienet effettivament timmaniggja kemm ix-xoghol tieghu ta' technician, kif ukoll in-negozju tieghu tal-bejgh ta' apparat tal-catering, meta is-socjeta attrici kienet qed tinsisti ghal hlas tal-ammonti li kienet qed tippretendi. Effettivament erba' minn sitt fatturi ikopru l-perjodu minn Marzu 2021 sa Lulju 2021, liema perjodu huwa wkoll kopert bl-emails. Ghalhekk, il-Qorti tqis li l-konvenut ma irnexxielux jipprova din il-pretensjoni tieghu fuq bazi ta' probabbilita.

12. Fir-risposta tieghu, il-konvenut jghid ukoll li huwa irritorna l-ghodda u *l-ispare parts* li kellu jirritorna. In sostenn ta' dan huwa jezebixxi dokument iffirmat minnu u minn Rudy Schembri, is-segretarju tas-socjeta attrici. Pero Rudy Schembri xehed li huwa kien iltaqa' mal-konvenut u l-mara tieghu, u kien ha mieghu erba' listi ta' affarijiet li kellhom jigu ritornati. Dawn il-listi kien tahomlu l-imghallem tieghu. Hu jghid li huma daru l-oggetti f'dawn il-listi wiehed wiehed, u hu immarka l-oggetti li gew ritornati u dawk li ma gewx ritornati fuq dawn il-listi. Huwa ezebixxa dawn l-erba' listi mal-affidavit tieghu – PF 597, PF290, PF580 u PF553 - li wkoll jidhru iffirmati minnu u mill-konvenut. Effettivament wahda minn dawn il-listi – u cioe PF290 - hija l-istess wahda ezebita mill-konvenut mar-risposta tieghu. Ghalhekk jidher li ghalkemm kien hemm erba' listi ta' affarijiet li kellhom jigu ritornati, ghal xi raguni il-konvenut ezebixxa biss wahda mar-risposta tieghu.

13. Fir-risposta tieghu, il-konvenut jghid ukoll li kien hemm xi ghodda imnizzla fil-lista li kienet ghand terza persuna, u li Rudy Schembri kien qallu li s-socjeta attrici kienet ser tigbor din l-ghodda minghad it-terza persuna. Pero Rudy Schembri ma jsemmi xejn dwar dan.

14. Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti tqis li fuq bazi ta' probabbilita, is-socjeta attrici irnexxielha tipprova l-pretensjoni taghha ghall-hlas tal-ghodda u spare parts.

15. Fir-risposta tieghu l-konvenut jghid ukoll li kien hemm ftiehim bejnu u bejn is-socjeta attrici sabiex hu jixtri l-vann bin-nifs. Hu jghid ukoll li diga kien hallas l-ammont ta' €3,900 ghal dan il-vann, kif ukoll madwar €1,000 ghall-assigurazzjoni/licenzja. In sostenn ta' dan huwa jezebixxi chat fuq WhatsApp ma' David Spiteri, id-direttur tas-socjeta attrici, mibghuta fid-9 ta' Settembru 2020, li fiha Spiteri jirreferi ghal vann bhala "il tuo furgone". Certament din il-frazi fic-cirkostanzi hija ambigwa. Bhala stat ta' fatt, il-van kien qieghed jigi uzat mill-konvenut, u ghalhekk fil-lingwagg laxk li jintuza fil-hajja ta' kuljum, Spiteri seta' facilment irrefera ghal "tuo furgono" fis-sens li l-vann li kien qed jigi uzat minnu, u mhux fis-sens legali tal-kelma bhala l-vann li kien legalment tieghu bhala sid. Il-Qorti tirrileva li likieku l-konvenut kien verament is-sid, hu certament ma kienx jirritorna l-vann lis-socjeta attrici.

16. Il-konvenut ezebixxa wkoll dokument tal-bank li skond hu minnu tirrizulta li kien hemm tpacija ta' hlasijiet dovuti minnu favur is-socjeta attrici ghal van. Effettivament dan id-dokument huwa hlas maghmul mis-socjeta attrici lill-konvenut b'mod elettroniku, li minnhom jidher li naqset *inter alia* ammont li ma giex specifikat ghal xi haga konnessa mal-vann. Pero l-Qorti hija tal-opinjoni li likieku kien vera li l-konvenut kien ftiehem mas-socjeta attrici biex jixtri l-van bin-nifs, kif qed jallega, kien ikun hemm xi dokument specifiku sabiex jipprova dan il-ftehim. In oltre, il-Qorti issibha stramba li l-konvenut ghandu biss prova ta' pagament wiehed bin-nifs (u li l-ammont tieghu lanqas biss gie specifikat), u m'ghandhux prova ta' pagamenti ohra li ghamel bin-nifs.

17. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-pretensjonijiet tal-konvenut ghal hlas ta' €3,900 rapprezentanti pagamenti li kien qed jaghmel bil-ftehim li jixtri l-vann bin-nifs u ghal hlas ta' €1,000 ghall-assigurazzjoni/licenzji ma gewx debitament ippruvati skond il-ligi.

18. Fl-avviz promotur, is-socjeta attrici qed titlob ukoll li tigi rizarcita l-ammont ta' elf Euro (€1000) rapprezentanti d-danni kagunati fil-van. Pero mill-affidavit ta' Victor Vella – *spray painter* u *panel beater* - jirrizulta li din il-hsara kienet tammonta ghal ftit inqas, u cioe ghal disa' mija u hamsin Euro (€950.00).

19. Min-naha l-ohra fir-risposta tieghu, il-konvenut ma cahadx li l-vann kellu xi hsara, pero jghid li l-pretensjoni tas-socjeta attrici hija wahda eccessiva, u in sostenn ta' dan ezebixxa stima ta' seba' mija u tminn Euro (€708.00), inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Din l-istima tidher li giet mahruga minn Boqri Garage. Pero mhix mahruga fuq letterhead, imma miktuba bl-idejn fuq invoice/cashsale standard. Ghalkemm din l-istima tirreferi ghal Ford Transit m'hemmx riferenza tan-numru tar-registrazzjoni tal-van. Fl-ahhar nett din l-istima la giet konfermata bil-gurament mill-konvenut u lanqas minn min hareg l-istima. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li din m'hijiex l-ahjar prova li l-konvenut seta jgib tal-valur tal-hsara tal-vann.

20. Pero in vista tal-fatt li kif inghad mix-xhieda ta' Victor Vella jirrizulta li l-hsara swiet hamsin Euro (€50.00) inqas mill-ammont pretiz fl-avviz, il-Qorti se tirriduci t-talba tas-socjeta attrici b'dan l-ammont.

**Konkluzjoni**

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghat-talba principali tas-socjeta attrici;

2. Tilqa' limitatament it-talba principali tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlettax-il elf u seba' u tmenin Euro u tnejn u sittin centezmu (€13,087.62), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza, sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta attrici ghall-kontro-talba;

4. Konsegwentement tichad it-talbiet kollha tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu.

5. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 166A numru 2324/2021 fl-ismijiet premessi u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**